# Manwel Buhagiar (1876- 1962) Disinjatur u Skultur ta' Ħila

*Kitba ta' Dr Joseph F. Grima PhD, MA, BA(Hons), Dip. Educ, MIM*



***Manwel Buhagiar (Ritratt: Ħajr Dr. M. Buhagiar)***

Meta tasal il-festa ta' San Ġorġ, ma nistgħux ma niftakrux f'Manwel Buhagiar - disinjatur, ebanista, skultur fl-injam u mgħallem ta' l-intarzjar - minħabba diversi xogħlijiet li għandu fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ li ngawduhom b'mod speċjali f'dawn il-jiem festivi. Uħud minnhom huma disinn tiegħu u oħrajn kien responsabbli għall-esekuzzjoni tagħhom. Iżda lkoll għandhom fattur komuni: kollha għandhom mertu artistiku konsiderevoli.

**Formazzjoni**

Manwel Buhagiar twieled il-Birgu f'Diċembru 1876, iben Guzeppi u Carmela nee Zahra. Missieru kien *chargeman* fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi u jista' jkun li dan il-mestier daħħal f'Manwel l-imħabba għax-xogħlijiet ta' l-injam. Madankollu, tajjeb inżidu li f'dawk is-snin il-Birgu kienu jipproduċi ħafna mgħallmin tajbin ħafna fix-xogħol ta' l-injam.



***Ritratti tal-1957: Twanny Borg, iben il-kondonatriċi Carmela Borg, iżomm id-dijadema ta' San Ġorġ qabel tbierket***
***(Ritratt mill-kollezzjoni ta' J. F. Grima)***

Il-formazzjoni artistika tiegħu ħadha mingħand diversi artisti inkluż il-pittur Lazzaro Pisani li ħarġu fid-disinn u għand l-imgħallem vittorjosan Manwel Decelis li għallmu l-intarzjar. Ta' 21 sena iżżewweg lil Ersilia Cali', neputija tal-magħruf pittur Giuseppe Cali', u kien diġa' kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu fil-Birgu. Għex suċċessivament f'pajjiżu l-Birgu, pajjiż martu Ħal Tarxien iżda l-aktar f'Raħal Gdid. Tul l-Ewwel Gwerra Dinjija kien impjegat fit-Tarzna billi s-snin ta' ġlied kienu fissru għalih nixfa ta' kummissjonijiet.

Hawnhekk wieħed irid jirrimarka illi l-bidu tas-seklu 20 ra proċess kontinwu f'dak li hu tkabbir, abbelliment u

dekorazzjoni tal-knejjes fil-gzejjer Maltin. Dan kien ifisser ukoll ħafna opri ġodda f'dawk li huma paramenti sagri u għamara ekkesjastika, biex insejħulhom hekk. Għaldaqstant, Buhagiar ġie in xena f'dak iż-żmien propizju meta s-sitwazzjoni u l-klima artistika f'Malta offrietlu ċ-ċans li jesprimi l-ġenju artistiku tiegħu, ċans li hu ħataf mal-ewwel biex wera l-kapaċitajiet li kellu. Kien żmien - u hawn tajjeb li nżidu li Buhagiar kellu karriera twila mifruxa fuq aktar minn 60 sena ta' ħidma artistika - meta fil-knejjes tagħna rajna l-miġja ta' oġġetti ġodda, kultant bi bdil għal opri aktar sofistikati u rikki, li kienu jinkludu, fost oħrajn, gandlieri, bradelli, bankuni, pedestalli ta' statwi, lampieri, inċensiera, navetti, pjaneti, kapep, trieħi, sopradvalji, stendardi, kanupej, ventartali, tuzelli u sopraporti.

## Xi Xogħlijiet

Manwel Buhagiar kien imfittex ħafna biex jiddisinja opri bħal dawn li għadna kif semmejna u, f'ċerti każi, biex ukoll jaħdem xogħol ta' injam u ebbanu b'mod partikolari fejn kienet tidħol l-iskultura u l-intarzjar. Fil-fatt, iddisinja mhux anqas minn seba' bankuni għal statwi differenti li fihom jispikkaw l-intarzjar u l-kuntrasti li joħolqu t-tipi differenti ta' njam li ntużaw. Fost l-aqwa xogħol tiegħu insemmu l-arkivju u s-sopraporta li ddisinja u ħadem personalment għall-każin tal-Banda ta' San Lawrenz fil-Birgu.

B'id soda u immaginazzjoni fertili, Buhagiar addotta stil x'aktarx eklettiku ibbażat primarjament fuq il-Barokk. Għalkemm dan l-istil hu tipiku ta' Malta fis-seklu 19 u l-ewwel nofs tas-seklu 20, għax il-Maltin għandhom gibda kbira lejn il-Barokk, mal-ewwel tagħraf biċċa xogħol ta' Buhagiar għax, minkejja l-ekkletticiżmu tiegħu, irnexxielu jevolvi stil personali distintiv.

Biex nagħtu xi eżempji ta' opri li ħarġu minn taħt idejh, insemmu l-bankuni u l-bradelli li naraw ġo H'Attard, Marsaxlokk u Haz-Zabbar filwaqt li l-knejjes parrokkjali tal-Gudja, l-Qrendi u Hal Tarxien huma miżgħuda b'xogħlijietu. Pedestalli nsibu f'Hal Ghaxaq u Hal Tarxien, u ventartali f'Hal Tarxien, Haz-Zebbug u Hal Safi. Lanqas Ghawdex m'hu nieqes mill-opri ta' Buhagiar: il-gallarija ta' l-orgni u l-lampier tas-SS. Sagrament fil-Bażilika ta' San Ġorġ; il-ventartal tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xagħra; u lampier tal-fidda fil-knisja parrokkjali ta' Kercem fost oħrajn. Il-lista ta' xogħlijiet Manwel Buhagiar donnha ma tispiċċa qatt u ċertament m'hux il-kompitu ta' dan l-artiklu li jelenkhom iżda nħoss li ma nistax inħalli barra x-xogħol skwiżit tal-Monument tal-Gharghur.



***In-Niċċa ta' San Ġorġ bil-Vara Titulari***
***(Ritratti: Frendo Photographics, Qormi)***

## Xogħlijiet f'Ħal Qormi

Bdejna din il-kitba bili għidna li l-festa ta' San Ġorġ għandha tfakkarna f'Manwel Buhagiar u dan intennuh bir-ragun kollu. Nibdew min-niċċa

ta' San Ġorġ: din saret fl-1926 fuq disinn ta' Abram Gatt, ħabib kbir ta' Buhagiar, iżda x-xogħol ta' skultura u ntarzjar inħadem kollu minn Manwel Buhagiar. F'jum il-festa, ma ras il-vara titulari tintrama dijadema tad-deheb, rigal tas-Sinjura C. Borg u s-Sinjorina C. Camilleri, li nħadmet fl-1957 fuq disinn u mudell ta' Manwel Buhagiar. Tlieta mill-ħames stendardi tal-*prima* li joħorġu fil-purċissjoni - ta' San Mikiel, tar-Rużarju u tas-SS. Sagrament -ukoll saru fuq disinji ta' l-istess Buhagiar.

Jekk il-presenza ta' Buhagiar hi daqshekk evidenti fil-vara u l-purċissjoni, daqstant ieħor insibuha fl-armar tal-knisja fil-jiem tal-festa. Jekk inħarsu lejn l-armar tal-knisja, naraw l-aħjar fided armati, inklużi l-lampieri tal-fidda quddiem l-artali kollha. Wieħed minnhom, dak ta' l-artal ta' San Ġużepp, iddisinjah Buhagiar li kien ukoll responsabbli għad-disinn ta' l-mudell tas-sett gandlieri tal-fidda li jintramaw fuq l-artal maġġur li saru fl-1951 u żżanżnu eżattament 50 sena ilu. Tajjeb hawnhekk inżidu li Antonio Buhagiar, iben Manwel, għen lil missieru fid-dijadema u l-gandlieri billi ħadimlu l-mudell. Il-gandlieri saru mill-ġbir fost il-parruċċani u ħadu ħsiebu Dun Ġużepp Borg Bonavia u s-Sinjuri Censu Agius, Manwel Zammit u Salvu Debono li miet ftit xhur ilu.

Hemm żewġ opri oħra fil-knisja parrokkjali li huma ta' Buhagiar Iżda m'għandhomx x'jaqsmu mal-festa tat-titular: is-salib ta' l-ebbanu bl-iskultura tiegħu li sar għall-vara tal-Madonna tad-Duluri 'l fuq minn 80 sena ilu, kif ukoll il-bankun u s-salib tal-Via Sagra. Id-disinn ta' din l-aħħar opra hi ta' Ġużè Muscat (*ta' Mass*) minn Birkirkara , iżda l-eżekuzzjoni kollha kienet ta' Buhagiar.

**Wirt Artistiku**

Manwel Buhagiar miet fis-27 ta' Frar 1962 fl-eta' ta' 85 sena. Imxerrdin maż-żewg gżejjer Maltin ħalla warajh wirt artistiku kbir li għadu ma giex evalwat u apprezzat kif jixraq, għalkemm dan l-aħħar bdew isiru studji serji dwar dan l-artist u xogħlijietu. Ipparagunati ma' parroċċi oħrajn, f'Ħal Qormi m'għandniex kwantita' kbira ta' opri min id Manwel Buhagiar, iżda dak li għandna hu kollu xogħol ta' mertu kbir li għandna dejjem nibżgħu għalih, ngħożżuh u napprezzawh.



***Gandlier mis-sett ta' l-artal maġġur***
***(Ritratti: Frendo Photographics, Qormi)***

*Referenzi:*

M. Buhagiar, "L-iskultur Manwel Buhagiar u l-Opri Tiegħu", *Il-Ħajja,* 5. ix.1981

M. Buhagiar, "Xogħlijiet ta' Arti w Artigjanat fil-Knisja ta' San Ġorġ". *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Hal Qormi - erba' Sekli ta' Storja,* editur J. F. Grima, Malta 1984

M. Buhagiar, "The Artistic Heritage", *Birgu - A Maltese Maritime City,* Vol. 11, edituri L. Bugeja, M. Buhagiar u S. Fiorini, Malta 1993.

J. F. Grima, *Il-Vara Titulari ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi 1741-1991,* Malta 1991

M. Sagona, ċċFortieth Anniversary of the Death of Emmanuele Buhagiar", *The Sunday Times* (Malta), 24.11.2002

G. Schembri ċċIl-Knisja Mżejna għall-Festa", *Programm Festa San Ġorġ 1979*

L. Zahra, *Il-Banda Vittoriosana San Lawrenz,* Malta 1983